



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 23 ta' Frar 2009 (27.02)
(OR. en)**

6229/09

LIMITE

COMPET 74

RECH 33

ECOFIN 103

UEM 31

AG 15

SOC 76

CONSOM 29

RAPPORT

| | |
|-------------------------|--|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti I) |
| lil: | Kunsill (Kompetittività) 5 u 6 ta' Marzu 2009 |
| Nru dok. preç.: | 6182/09 COMPET 68 RECH 32 ECOFIN 101 UEM 30 AG 14 SOC 73 CONSOM 24 |
| Nru prop. Cion.: | 17358/08 ECOFIN 627 COMPET 583 SOC 797 ENV 1021 EDUC 288 RECH 424 ENER 474 |
| Suġġett: | Dokument dwar Kwistjonijiet Prinċipali 2009 - kontribut mill-Kunsill Kompetittività għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa |

1. Fid-19 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni komunikazzjoni tagħha intitolata "Rapport ta' implimentazzjoni għall-Programm Komunitarju ta' Lisbona 2008-2010"¹. Taħt l-arranġamenti tal-istrategġija ta' Lisbona mnedija mill-ġdid, dan ir-rapport ta' sintesi tal-Kummissjoni jikkostitwixxi l-bażi għal diskussjonijiet ta' diversi formazzjonijiet tal-Kunsill li qed jippreżentaw Dokumenti dwar Kwistjonijiet Prinċipali għall-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa.

¹ Dok. 17358/08.

2. Fis-7 ta' Jannar 2009, il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' Dokument dwar Kwistjonijiet Prinċipali lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir u dak dwar ir-Riċerka biex issir diskussjoni dwar il-partijiet li jaqgħu fil-kompetenzi rispettivi tagħhom². L-abbozz kien diskuss mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fis-7, it-12, id-19 u s-26 ta' Jannar 2009, u mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir fit-8, it-13, l-20 u (fuq Livell ta' Uffiċjali Għolja (HLG) fit-23 ta' Jannar 2009.
3. Barra minn hekk, l-KPE u l-HLG ħadmu flimkien u qablu dwar test konġunt li għandu jiġi anness għad-Dokument dwar Kwistjonijiet Prinċipali tal-ECOFIN u d-Dokument dwar Kwistjonijiet Prinċipali tal-Kunsill Kompetittività, rispettivament, b'kummenti dwar l-oqsma kollha tar-"Rapport ta' implimentazzjoni għall-Programm Komunitarju ta' Lisbona 2008-2010". M'hemmx kwistjonijiet pendenti f'dan it-test konġunt (ara Anness għall-Anness).
4. Fil-11 ta' Frar 2009, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina t-test u kiseb ammont kbir ta' kunsens. L-aħħar kwistjonijiet pendenti miftuħa li baqa' huma mniżżla fin-noti f'qiegħ il-paġna għat-test riprodott fl-Anness.

KONKLUŻJONI

5. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda lill-Kunsill Kompetittività, fil-laqgħa tiegħu skedata li ssir fil-5 u s-6 ta' Marzu 2009,
 - li jsolvi l-aħħar kwistjonijiet pendenti li baqa' mniżżla fin-noti f'qiegħ il-paġna għall-Anness għal dan id-dokument, u
 - li jadotta d-Dokument dwar Kwistjonijiet Prinċipali kif imniżżel fl-Anness għal dan id-dokument, bl-emendi maqbula, u li jippreżentah fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2009 bil-ħsieb li jiġi endorsjat.

² Dok. 17359/1/08 REV 1.

Tweġiba proattiva għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku

Introduzzjoni

1. Waqt li qed jaffrontaw kriżi finanzjarja internazzjonali u tnaqqis eċċezzjonalment qawwi fir-ritmu ekonomiku, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri qed juru d-determinazzjoni tagħhom li jaġixxu b'manjiera kkoordinata, ambizzjuża u komprensiva biex ikunu stabbiliti mill-ġdid il-fiduċja u t-triq tat-tkabbir, kif muri mill-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku maqbul mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2008. F'dan il-kontest, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri fil-**perijodu qasir** bi tweġiba għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u li jirriflettu l-ispazji ta' manuvrar għal azzjoni differenti tagħhom f'qafas komuni u kkoordinat.
2. Il-miżuri fil-perijodu qasir għandhom itejbu l-kondizzjonijiet ekonomiċi għall-kummerċ and għandhom ukoll ikunu konformi mal-oġettivi tal-Istrateġija ta' Lisbona **għall-perijodu medju u fit-tul**. Dawn il-miżuri għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-ħolqien ta' aktar impjiegi. B'mod ġenerali, il-Kunsill jilqa' l-Pakkett ta' Lisbona ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, il-Programm Komunitarju ta' Lisbona jintlaqa' bħala għodda utli. Fl-anness għal dan id-dokument, il-Kunsill (Kompetittività u ECOFIN) jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar ir-Rapport Implimentattiv tal-Kummissjoni għal Programm Komunitarju ta' Lisbona 2008-2010.
3. B'mod li jkun koerenti mal-għan tagħna għall-perijodu fit-tul li jintlaħqu tkabbir u impjiegi sostenibbli, huwa meħtieġ li jittieħdu miżuri konkreti biex tkun evitata t-theddida ta' reċessjoni persisteni u għall-ekonomija tal-UE biex toħroġ aktar b'saħħitha u aktar kompetittiva mit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku attwali. Huma meħtieġa azzjonijiet rapidi u determinati, b'mod partikolari l-**ħames punti ta' referenza** li ġejjin: it-tneħħija tal-ostakli u l-ksib ta' suq intern kompletament operattiv u modern, it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, it-titjib tal-kondizzjonijiet ta' qafas għall-industrija b'fokus speċjali fuq l-SMEs u l-innovazzjoni, iż-żieda u t-titjib fil-kwalità tal-investment fl-għarfien, l-edukazzjoni u r-riċerka, u l-iffukar fuq id-dimensjoni esterna tal-kompetittività.

4. Huwa meħtieġ impenn ċar fi spirtu ta' pussess konġunt biex titkompla l-implimentazzjoni tar-**riformi strutturali ta' Lisbona wara l-2010** biex tissaħħaħ il-fiduċja fost iċ-ċittadini u n-negozji. Il-kisba ta' tkabbir u impjiegi sostenibbli għandu jibqa' l-objettiv ċentrali għall-istrateġija mġedda bħalma qed ikun valutat attwalment mill-Koordinaturi Nazzjonali ta' Lisbona bħala kontribut għall-valutazzjoni tal-istrateġija³. L-elementi mikroekonomiċi tal-Istrateġija ta' Lisbona jeħtieġ li jinġiebu qrib ta' xulxin f'"Aġenda ta' Kompetittività" iddefinita tajjeb li tkun komplementari u ttrrinforza b'mod reċiproku aspetti oħra tal-Istrateġija. Waqt li ssaħħaħ l-approċċ ta' sħubija globali, il-governanza tal-proċess għandha tkun integrata, il-piż tal-irrapportar għall-Istati Membri għandu jinżamm ħafif kemm jista' jkun u numru limitat ta' miri konkreti "intelliġenti" (jiġifieri speċifiċi, miżurabbli, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u li jingħataw skadenzi) għandhom jiġu stabbiliti wara analiżi b'attenzjoni u b'kont meħud tad-diversità fl-Istati Membri. Għandhom jissaħħu l-identifikazzjoni u l-promozzjoni tal-"aħjar prattiki" fost l-Istati Membri. Il-komunikazzjoni mal-partijiet interessati u iċ-ċittadini wkoll għandha titjib biex jiġi stimulat id-dibattitu pubbliku fl-Ewropa u biex jiġu spjegati r-riformi, il-politiki u l-miżuri tal-UE.

Rakkomandazzjonijiet

I. Suq intern li jiffunzjona kompletament u mingħajr ostakoli

5. Il-Kunsill jendorsja l-ħtieġa li jinkiseb suq intern miftuħ, flessibbli u li jiffunzjona b'mod sħiħ billi **jitneħħew l-ostakoli eżistenti għal-libertajiet fundamentali u billi jkun evitat il-ħolqien ta' oħrajn ġodda**, sabiex iċ-ċittadini u l-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet tas-suq intern, biex ikunu jistgħu jikbru u joperaw b'mod transkonfinali kif jagħmlu fis-swieq domestiċi tagħhom. B'dan il-mod, is-suq intern ser ikompli jkun post attraenti għall-investimenti. Il-Kunsill jappella għal segwitu effettiv tar-Reviżjoni tas-Suq Uniku.

³ HU: riżerva ta' skrutinju

Regoli ċari, sempliċi, koerenti u effiċjenti għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar u għandhom jiġu mfasslin, applikati u nfużzati tajjeb. Il-miżuri ġodda kollha, leġiżlattivi jew ta' natura oħra, għandhom ikunu mfasslin b'mod li jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq għall-SMEs, b'mod partikolari f'każ li jiġġeneraw spejjeż ta' konformità. Il-monitoraġġ tas-suq u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq tal-Konsumatur huma għodda importanti, fost oħrajn għall-identifikazzjoni ta' ostakoli għas-suq intern, u biex tiġi prijorizzata l-azzjoni fejn ikun hemm l-akbar benefiċċji għaċ-ċittadini u n-negozji. Hija importanti l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. L-Istati Membri li għadhom ma laħqux il-mira ta' defiċit ta' traspożizzjoni ta' 1 % jeħtieġu li jżidu l-isforzi tagħhom.

6. It-tiżiħ tal-kompetizzjoni fl-ekonomija kollha u b'mod partikolari fl-industrija tan-netwerk tal-Unjoni Ewropea, (partikolarment l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni), għandhom ikunu segwiti b'mod urġenti biex jitjieb l-aċċess għas-suq u biex ikunu żgurati prezzijiet aktar kompetittivi, aktar għażla u aċċessibiltà għall-konsumaturi, kif ukoll il-kwalità għolja. It-tiżiħ tal-interkonnessjoni tan-netwerk fl-Unjoni Ewropea kollha għandu jkun prijorità⁴. It-tlestija tas-suq intern għall-**enerġija u l-komunikazzjoni elettronika** hija essenzjali. Fil-każ tas-swieq tal-gass u l-elettriku, aktar kompetizzjoni u diversifikazzjoni għandhom iwasslu għal użu aktar effiċjenti tal-enerġija u jassistu lill-Unjoni Ewropea biex tirreaġixxi b'mod aktar effettiv għall-isfidi tat-tibdil fil-klima u s-sigurtà tal-enerġija.
7. L-implimentazzjoni tad-**Direttiva dwar is-Servizzi** toffri opportunità ewlenija biex isir progress fid-direzzjoni ta' suq intern integrat verament bit-tneħħija tal-ostakoli għall-kummerċ transkonfinali, l-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq għall-SMEs u t-twessieġ tal-għażla għall-konsumaturi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li arranġamenti adatti, inklużi r-riżorsi, ikunu fil-post għall-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar is-Servizzi sal-iskadenza ta' Diċembru 2009. Għandhom isiru aktar sforzi, b'mod partikolari, biex jitlestew ir-reviżjoni u l-modernizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri u biex ikunu stabbiliti "Punti ta' Kuntatt Uniku" li jiffunzjonaw b'mod sħiħ. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma mistiedna jagħmlu t-tnejniet meħtieġa biex ikun żgurat li proċess utli u effiċjenti ta' "evalwazzjoni reċiproka" tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri ikun stabbilit sal-2010.

⁴ MT: riżerva ta' skrutinju.

8. Il-kooperazzjoni amministrattiva hija fattur sostanzjali fil-bini ta' fiduċja reċiproka u t-titjib tal-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern. Is-**Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)** tirrappreżenta għodda prinċipali biex jingħelbu l-ostakoli għal kooperazzjoni effettiva bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri (bħalma huma l-ostakoli lingwistiċi, id-differenzi fl-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, eċċ) kif muri mill-proġett pilota dwar il-kwalifiki professjonali li rnexxa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti arranġamenti adatti, inklużi r-riżorsi, attwati għall: applikazzjoni sħiħa tal-IMI fil-qafas tad-Direttiva dwar is-Servizzi b'enfasi partikolari mogħtija lit-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni; l-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar il-Merkanzija; u aktar żvilupp tal-għodod tal-informazzjoni u tas-soluzzjoni għall-problemi bħas-SOLVIT.
9. **Is-suq intern tal-UE tal-bejgħ bl-imnut** għadu mhux kompletament operattiv. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li fl-2009 tadotta rapport ta' monitoraġġ tas-suq dwar il-funzjonament ta' dan is-settur prinċipali. L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi għandha ttejjeb is-sitwazzjoni attwali b'mod sinifikanti. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lid-Direttiva proposta dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, li għandha twassal għal funzjonament aħjar tas-suq intern għall-benefiċċju tal-konsumaturi u n-negozji, b'mod partikolari l-SMEs. Għandhom ikomplu jsiru sforzi biex tiżdied il-fiduċja tal-konsumaturi u n-negozji fis-suq intern. Huwa essenzjali li jkun hemm iffukar fuq l-eliminazzjoni ta' fatturi li jrendu t-transazzjonijiet transkonfinali bejn negozji u konsumaturi aktar diffiċli, sabiex tissaħħaħ il-prestazzjoni tas-suq intern.
10. **Ħames snin wara** t-tnedija tal-ħames tkabbir, l-evidenza turi li l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi tibbenefika mit-tkabbir, inkluż ekonomikament. Arranġamenti transizzjonali pendenti li joħolqu distorsjonijiet fis-suq għandhom jitneħħew malajr kemm jista' jkun f'konformità mat-Trattat.

II. Dħul fis-seħħ tal-Programm ta' Azzjoni dwar it-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq in-negozji

11. Il-Kunsill jenfasizza li **għandhom jitravmu sforzi** fl-oqsma kollha ta' regolamentazzjoni aħjar, billi ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-impatti rilevanti ta' proposti ġodda, inklużi speċifikazzjonijiet tal-Istati Membri, ta' proposti ġodda, billi tiġi ssimplifikata l-leġislazzjoni eżistenti u billi jitnaqqas b'mod tanġibbli, il-piż amministrattiv fuq in-negozji. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli tagħti prijorità li jsiru proposti ġodda ta' simplifikazzjoni. Adozzjoni rapida mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew ta' aktar minn ħamsin proposta għas-simplifikazzjoni li għandhom pendenti hija prijorità.
12. Il-ħtieġa ta' regolamentazzjoni aħjar fl-interess ta' kompetittività msaħħa qed issir dejjem iżjed importanti fi żminijiet ekonomiċi diffiċli. Minħabba li n-negozji qed ikollhom diffikultajiet minħabba r-rallentament ekonomiku, huwa meħtieġ tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi tagħhom sabiex ikunu ffaċilitati l-kondizzjonijiet għan-negozji, l-aktar importanti għall-SMEs, li huma affettwati b'mod disproporzjonat. Peress li l-Programm ta' Azzjoni dwar it-tnaqqis tal-piż amministrattiv laħaq **fażi deċiżiva**, il-Kunsill jilqa' l-ħidma li saret sa issa mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar il-kejl tal-piżijiet amministrattivi imposti fuq in-negozji, l-ewwel pakkett ta' proposti għat-tnaqqis li hu stmat mill-Kummissjoni li jipprovdni għal potenzjal ta' tletin biljun euro fi tfaddil, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta l-proposti pendenti kollha qabel tmiem il-mandat tagħha u l-estensjoni proposta tal-Programm ta' Azzjoni kif ippreżentata mill-Kummissjoni fit-Tielet Reviżjoni Strateġika tagħha ta' Regolamentazzjoni Aħjar. Hu jappella għal aktar passi li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni biex ikun żgurat li r-riżultati jaslu fil-waqt.

13. Il-Kunsill jappella biex din il-ħidma timxi malajr 'il quddiem u biex l-isforzi Komunitarji mtejba mill-istituzzjonijiet Komunitarji kollha jiggarrantixxu l-kisba tat-tnaqqis ta' **25 % fil-piżijiet amministrattivi maqbula** li jirriżultaw mil-leġislazzjoni tal-UE bil-għan ta' xi impatti li jaffettwaw lin-negozju sal-2010, u l-impatti fis-setturi prinċipali kollha sa mhux aktar tard mill-2012. Sabiex dan jinkiseb, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tuża varjetà ta' metodi inkluża inter alia skeda indikattiva biex jiġu ppreżentati proposti konkreti għat-tnaqqis fil-ftit xhur li ġejjin u ħidma konġunta bejn l-istituzzjonijiet b'appoġġ mill-Grupp ta' Livell Għoli ta' Partijiet Interessati għal adozzjoni rapida. Il-Kunsill jilqa' l-istabbiliment mill-Kummissjoni ta' tnaqqis settorjali ta' ċifri f'żewġ oqsma (it-tassazzjoni u l-liġi dwar il-kumpanniji) u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tidentifika qabel tmiem il-mandat tagħha l-kontribut ta' kull settur bażiku ser jagħmel għal tnaqqis ġenerali ta' 25%.
14. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' **monitoraġġ regolari** ta' progress fil-Programm ta' Azzjoni u jistieden lill-Kummissjoni biex kull sena tirrapporta lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa dwar l-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll dwar bidliet sinifikanti ta' piżijiet amministrattivi. Hu jinnota wkoll li progress fit-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi jiddgħajef minn spejjeż amministrattivi addizzjonali li jirriżultaw minn proposti leġiżlattivi ġodda. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tivvaluta l-piżijiet amministrattivi potenzjali li jirriżultaw minn proposti ġodda li jkunu adottati biex ikun żgurat li l-ispejjeż amministrattivi jinżammu fil-minimu li huwa meħtieġ għal inizjattivi ġodda ta' politika.
- Għal dan il-għan, il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li tkun inidirizzata b'mod regolari u effettiv il-valutazzjoni tal-piżijiet amministrattivi fil-valutazzjonijiet tal-impatt għal proposti ġodda tal-Kummissjoni, b'mod partikolari għall-SMEs, u f'dan ir-rigward jilqa' ż-żieda fl-enfasi fuq dan l-aspett inkluża l-kwantifikazzjoni msaħħa tal-piżijiet amministrattivi fil-linji gwida riveduti dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni.

III. Titjib fil-kondizzjonijiet qafas għall-industrija, b'iffukar speċjali fuq l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-SME

15. L-Istati Membri għandhom itejbu l-**kondizzjonijiet qafas** għall-industrija sabiex tinżamm bażi industrijali soda u tiżdied il-kapaċità tagħhom biex ikunu jifilħu għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u finanzjarju u jiffaċilitaw l-aċċess tan-negozju għal finanzi. Huma għandhom ikomplu jsegwu r-riformi strutturali tal-Istrateġija ta' Lisbona. In-negozji jeħtieġu ambjent regolatorju stabbli, favorevoli u prevedibbli li jipprovdi kemm ċertezza legali kif ukoll il-flessibbiltà meħtieġa għat-**tkabbir** u l-impjiegi fl-adozzjoni ta' rekwiżiti regolatorji ġodda, l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tas-suq interna u l-iżgurar tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat. Żieda fil-flessibbiltà tal-għajjnuna mill-Istat għandha tgħin lill-Istati Membri biex jiksbu dawn l-għanijiet u la għandha tkun abbużata u lanqas m'għandha toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni⁵.
16. L-applikazzjoni tal-prinċipji minquxa fis-**"Small Business Act"** għall-Ewropa għandhom jgħinu biex terġa' titrawwem il-fiduċja billi l-prinċipji ta' "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", l-intraprenditorija u l-kompetittività jitpoġġew fuq quddiem nett tas-soċjetà. Implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni "Small Business Act", adottat mill-Kunsill Kompetittività f'Diċembru 2008, hija kruċjali bħala għajjnuna lill-SMEs biex ikunu jifilħu għall-kondizzjonijiet iebesin attwali tas-suq.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri tas-SBA fir-Rapporti tal-Progress tagħhom lill-Programmi ta' Riforma Nazzjonali, u l-Kummissjoni għandha tagħmel l-istess fir-Rapporti dwar l-Implimentazzjoni lill-Programm Komunitarju ta' Lisbona. F'dan il-kuntest, il-ħidma dwar l-Istatut tal-Kumpanija Privata Ewropea għandha tkun segwita attivament. Il-Kummissjoni għandha timplimenta "test dwar l-SMEs" fuq il-proposti kollha li jaffettwaw in-negozju, konformement mal-linji gwida ta' valutazzjoni tal-impatt.

⁵ Qafas temporanju għal miżuri ta' Għajjnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (2009/C 16/01)

17. Fid-dawl tal-kriżi ta' kreditu attwali, l-iżgurar ta' **aċċess għal finanzi faċli u f'waqtu** għan-negozji, speċjalment l-SMEs, huwa prijorità prinċipali. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-banek biex ma jirringrazzjawx id-disponibbiltà tal-kreditu għat-tipi kollha ta' negozji bi proposti vijabbli. Il-Kunsill jilqa' l-miżuri meħuda mill-Grupp BEI biex tittaffa l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali, b'mod partikolari biż-żieda fis-self lill-SMEs u l-kumpaniji ta' daqs medju (mid-caps). Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Grupp BEI, biex qabel il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa tesplora u tippreżenta kif l-użu tal-istrumenti tal-BEI jistgħu jitjiebu f'termini ta' disponibbiltà rapida u valutazzjoni tal-proġetti. Huwa jenfasizza r-rwol li l-Istati Membri jista' jkollhom fl-iffaċilitar tas-self u l-garanziji ta' self għall-SMEs, inkluż bl-użu tal-Fondi Strutturali. Fl-okkażjoni tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu ppjanata tas-Seba' Programm Qafas dwar ir-Riċerka u abbażi tal-evalwazzjoni intern tal-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra kif in-negozji jistgħu jibbenefikaw b'mod aktar mgħaġġel minn dawn l-istrumenti importanti Ewropej.
18. Il-Kunsill jinnota l-ħtieġa għal **finanzjament miżjud u aktar effettiv għall-investment u l-infrastruttura**, kemm bi rispons għall-kriżi ekonomika fil-perijodu qasir kif ukoll sabiex tiżdied il-produttività fil-perijodu medju u fit-tul. Huwa jieħu nota tal-proposti biex ikunu ssimplifikati l-proċeduri u tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' Koeżjoni kofinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni u jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni jiġu ppreżentati proġetti speċifiċi għall-immodernizzar tal-infrastruttura Ewropea.

19. Teknoloġġi innovattivi u sostenibbli huma modi ta' promozzjoni għall-kompetittività tan-negozji tal-UE fis-suq globali u biex l-Ewropa tersaq lejn ekonomija ta' għarfien eko-effiċjenti. It-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-enerġija mill-Unjoni Ewropea, it-titjib ta' miżuri għal aktar **effiċjenza fl-enerġija** u l-bidu ta' strateġija għal tnaqqis fl-emissjonijiet li tkun kosteffettiva permezz ta' inċentivi ekonomiċi adatti, għandhom iwasslu għal żieda fil-kompetittività għal perijodu fit-tul, tkabbir ekonomiku u ħolqien ta' impjegi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jieħu nota tas-*sħubiji privati-pubbliċi* proposti dwar Karozzi Ħodor, Bini Ewropew li juża l-enerġija b'mod effiċjenti, u Fabbriki għall-Futur, waqt li jenfasizza l-importanza li jkun żgurat bilanċ adatt bejn l-interessi tal-Komunità, l-industrija u l-istituti tar-riċerka. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex timxi 'l quddiem b'dawn l-inizjattivi qabel nofs l-2009. Fl-istess skadenza ta' żmien, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa ta' titjib fl-aċċess tal-industrija għal finazzi u jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina u tippreżenta għażliet possibbli dwar l-inkoraġġiment b'mod koordinat tat-tiġdid tal-flotta tal-karozzi Ewropej biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil u biex tizzied is-sikurezza, pereżempju fil-qasam tal-irkupru u r-riċiklaġġ tal-vetturi, ibbażat fuq l-analiżi tas-sitwazzjoni u l-prattiki attwali fl-Istati Membri, u r-rispett li l-karozzi għandhom jibqgħu aċċessibbli għal gruppi ta' konsumaturi differenti. Il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll aktar progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni Strateġija għat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET), b'mod partikolari l-promozzjoni tal-użu wiesa' ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi tal-informazzjoni fis-settur tal-enerġija.
20. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien b'mod konġunt man-negozji biex ikunu promossi d-disponibbiltà u l-kwalità ta' **ħaddiema tas-sengħa u edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali**, inkluż it-taħriġ għall-intraprenditorija, l-edukazzjoni teknika u x-xjenzi naturali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni hija mistiedna tikkunsidra kif l-interventi mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni jistgħu jintużaw b'mod aħjar u li jieħu anqas ħin u jkunu ffukati aktar fuq skemi ta' taħriġ mill-ġdid u ta' ħiliet imtejba. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tar-responsabbiltà soċjali korporattiva.

21. Ir-rwol ċentrali tal-**innovazzjoni** fit-titjib tal-kompetittività Ewropea fl-ekonomija globali twassal għall-ħtieġa li l-forom kollha ta' innovazzjoni jkunu inkoraġġiti sistematikament. Ir-riżultati tal-proċess ta' riċerka u innovazzjoni għandhom iwiegħu b'mod aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq u tal-utent. Il-Kunsill jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għall-innovazzjoni fis-servizzi. Fost miżuri oħrajn li jridu jittieħdu, iridu jkunu segwiti sforzi bil-ħsieb li jinkisbu raggruppamenti Ewropej eċċellenti u ta' klassi dinjija sabiex ikun sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom. L-inizjattiva tas-Suq Ewlieni għall-Ewropa hija strument promettenti għall-ftuħ tal-potenzjal tas-suq għall-merkanzija u servizzi innovattivi b'mod immirat. L-isforzi tal-UE biex tinholq privattiva u Sistema ta' Litigazzjoni dwar il-Privattivi għandhom ikunu intensifikati. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Proprietà Industrijali tal-Kummissjoni għandha tkun segwita. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mistiedna jniedu evalwazzjoni profonda tal-istrateġija wiesa' tal-innovazzjoni stabbilita fl-2006, li twassal għall-adozzjoni ta' Pjan Ewropew ambizzjuż għall-Innovazzjoni fl-2009 li jkopri t-teknoloġiji prinċipali tal-futur, inkluż, fost oħrajn, teknoloġiji tal-ispazju u teknoloġiji rilevanti għall-iżvilupp sostenibbli⁶.
22. Il-**ħtiġijiet speċifiċi ta' riċerka u innovazzjoni**, il-limitazzjonijiet u l-opportunitajiet ta' tipi differenti ta' ħtiġijiet tal-SMEs jeħtieġ li jkunu milquta u indirizzati aħjar permezz ta' politiki adatti f'livelli differenti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mistiedna jespjoraw sinerġiji għall-promozzjoni tal-koerenza bejn politiki ta' R&Ż u l-innovazzjoni kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri.
23. Minħabba l-estensjoni tan-**netwerks tal-broadband** l-ħidma għandha tkun promossa kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-Unjoni Ewropea bil-għan li jkun provdut aċċess f'żoni b'servizz dgħajjef u bi spejjeż għolja fejn is-suq ma jistax iforni, b'mira indikattiva komuni ta' kopertura ta' 100 % ta' internet tal-broadband bejn l-2010 u l-2013.

⁶ FR: riżerva. Proposta ta' kompromess tal-Presidenza li żżid "Teknoloġiji tal-ispazju u ta' servizzi ta' valur miżjud fl-aħħar tal-proċess joffru opportunitajiet magħguri għall-innovazzjoni, il-kompetittività u l-aċċess tal-Ewropa għas-swieq globali, speċjalment għall-SMEs. B'mod parallel għall-iżvilupp tal- GNSS (is-sistemi EGNOS u GALILEO) u l-programmi GMES, l-isforzi Ewropej kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonjonali f'termini ta' R&Ż u l-finanzjament operattiv, kif ukoll bħat-titjib tal-qafas regolatorju, għandhom ikun segwiti."

IV. Titjib fil-livell u l-kwalità tal-investment fl-għarfien u r-riċerka

24. **Investimenti ogħla, aktar effettivi u effiċjenti fl-edukazzjoni**, ir-riċerka u l-innovazzjoni huma fattur prinċipali għat-tkabbir sostenibbli fil-perijodu fit-tul ta' ekonomija Ewropea kompetittiva u għandhom jibqgħu ikunu prijorità għolja, ukoll fil-kuntest tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku globali attwali. Il-Kunsill jenfasizza mill-ġdid ir-rilevanza li għad għandha l-mira ta' Barċellona ta' investment R&T globali ta' 3 % għall-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-miri nazzjonali, u l-ħolqien ta' klima favorevoli għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, ikomplu jrawmu aktar investment fir-R&Ż u l-innovazzjoni mis-settur privat.
25. **Il-kooperazzjoni Ewropea fit-"trijangolu tal-għarfien"** jeħtieġ li tkun żviluppata sakemm tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha. Biex jinkiseb dan, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-universitajiet, l-istituti tar-riċerka u l-industrija biex iżidu l-kooperazzjoni tagħhom, inkluż l-aħjar użu tal-proprjetà intellettuali. Min-naħa tiegħu, l-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) huwa mistenni li jkollu rwol importanti f'dan il-kuntest. Il-proċess tal-għażla u tal-istabbiliment tal-ewwel Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) tal-EIT għandhom jitwettqu fil-ħin biex ikunu operattivi kmieni fl-2010. Fl-istess ħin, iċ-ċirkolazzjoni libera ta' riċerkaturi, għarfien u teknoloġija għandhom ikunu promossi sabiex tiġi stabbilita l-"ħames libertà" fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). F'dan il-kuntest, tittieħed nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li l-politiki rilevanti Komunitarji jkunu mgħarbula.
26. Ir-rwol tal-ħtiġijiet ta' **riċerka ewlenija** jeħtieġ li jkunu rinfurzati biex jikkontribwixxu għall-konsolidazzjoni tal-bażi tal-għarfien tal-kompetittività Ewropea. Sabiex tkun garantita eċċellenza u indipendenza xjentifika kontinwata, ir-reviżjoni tal-istrutturi u l-mekkaniżmi tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (KER) għandhom ukoll ikunu prijorità u għandhom ikunu segwiti f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kunsill Xjentifiku tiegħu, konformement mad-Deċiżjoni tal-FP7, sabiex tkun garantita eċċellenza u indipendenza xjentifika kontinwata.

27. L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma mħeġġa jieħdu l-passi meħtieġa sabiex tkun żgurata **governanza effettiva tas-SER** u tkun sodisfatta l-Viżjoni tagħha għall-2020⁷. Il-Proċess ta' Ljubljana, li jimmira għat-twettiq sħiħ tas-SER, huwa element ċentrali fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Lisbona sabiex jinkisbu investimenti kkoordinati aktar u aħjar fl-għarfien li jwasslu għal kompetittività Ewropea mtejba. Il-ħames inizjattivi attwali tas-SER (l-infrastrutturi tar-riċerka, l-ipprogrammar konġunt, is-sħubija tar-riċerkaturi, il-kooperazzjoni internazzjonali xjentifika u teknoloġika u l-kondiviżjoni tal-għarfien) għandhom issa jkunu żviluppati aktar fil-governanza u l-implimentazzjoni.
28. Tgħaqqid ta' riżorsi mill-baġits nazzjonali, il-programmi Komunitarji, l-istrumenti tal-BEI u l-fondi strutturali għandu jwassal għall-iżvilupp ta' **infrastrutturi ta' riċerka eċċellenti** fl-Ewropa kollha fuq bażi volontarja u b'rispett sħiħ lejn il-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-implimentazzjoni tal-Pjan direzzjonali ESFRI u l-aġġornament reċenti tiegħu għandhom ikunu diskussi u segwiti attivament. Aktar żieda fil-faċilitajiet ta' sħubija reġjonali għandha tkun inkoraġġita. In-negozjati dwar il-proposta għal qafas legali ta' Infrastrutturi Ewropej għar-Riċerka għandhom jiġu kkompletati malajr kemm jista' jkun.
29. L-Istati Membri huma mistiedna jikkollaboraw f'konfigurazzjonijiet dedikati tal-CREST (il-Grupp ta' Livell Għoli għall-Ipprogrammar Konġunt) biex jidentifikaw sfidi ewlenin tas-soċjetà u jindirizzawhom fil-qafas ta' **pprogrammar konġunt**. Abbażi ta' dan, l-ewwel proposti għal temi ta' pprogrammar konġunt għandhom ikunu żviluppati attivament f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti kollha sabiex il-Kunsill ikun jista' jadotta inizjattivi bħal dawn mhux aktar tard mill-2010. Sabiex is-SER ikun aktar żviluppat, l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw li jifflu aktar il-programmi nazzjonali tagħhom fejn rilevanti.

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2008 dwar id-definizzjoni ta' "Viżjoni 2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka", dok. 16767/08).

30. L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma wkoll mistiedna jikkollaboraw fil-konfigurazzjoni ddedikata tal-CREST (il-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Internazzjonali X&T) għall-implimentazzjoni tas-sħubija Ewropea fil-qasam tal-**kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika ma' pajjiżi terzi**, li ser tkun kontribut importanti għad-dimensjoni esterna tas-SER u l-Istrateġija ta' Lisbona.
31. **Il-perspettivi għall-karriera u l-mobbiltà tar-riċerkaturi** għandhom ikunu mtejba permezz tal-identifikazzjoni ta' politika ottimali mħallta bejn l-għodod nazzjonali u Komunitarji u aktar żvilupp tal-ħiliet tar-riċerkaturi kollha, inkluż miżuri ta' appoġġ għall-promozzjoni u l-iżvilupp tat-taħriġ u ċirkolazzjoni bilanċjata ta' talent xjentifiku u biex ikunu żgurati l-aħjar kondizzjonijiet ta' ħidma possibbli inkluż f'termini tal-bilanċ bejn il-ħajja privata u x-xogħol. Barra minn dan, l-interess fir-riċerka u l-innovazzjoni jeħtieġ li tkun stimulata fis-soċjetà, b'mod partikolari fost iż-żgħar. Iż-żieda kontinwa tar-riżorsi umani fix-X&T għandhom jibqgħu prijorità fejn implimentazzjoni mħaffa tas-sħubija Ewropea għar-riċerkaturi għandu jkollha rwol prinċipali. Il-Kunsill iħares lejn il-"Grupp ta' Tmexxija Riżorsi Umani u Mobbiltà" biex il-ħidma tiegħu tkun segwita attivament fit-tmexxija ta' din is-sħubija b'mod flessibbli.
32. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex kmieni fl-2009 tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta biex tittrasforma l-"BONUS għax-Xjenzi Marini fil-Baħar Baltiku – Netwerk tal-Aġenziji ta' Finanzjament" tal-ERA-NET + fi programm ta' riċerka konġunta bbażat fuq l-Artikolu 169 tat-Trattat. Huwa wkoll kruċjali li jinżamm momentum fl-eżaminazzjoni tal-proposta attwali għall-programm Ewropew ta' riċerka u żvilupp fil-metroloġija (EMRP) bil-ħsieb ta' adozzjoni mħaffa.

33. **Il-kapaċità għar-riċerka u l-innovazzjoni reġjonali** jeħtieġ li tkun imwessgħa permezz ta' miżuri ta' investiment konkreti, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-politika ta' raggruppament għall-innovazzjoni. L-użu komplimentari ta' sorsi ta' ffinanzjar mill-programmi Komunitarji bħall-FP 7 u s-CIP kif ukoll is-self tal-BEI mogħti peremzz tal-Faċilità ta' Finanzjament għal-Kondiviżjoni tar-Riskju tal-FP7 (RSFF) mal-interventi tal-Fondi Strutturali kif ukoll il-kontribuzzjonijiet minn sorsi privati ta' investiment jeħtieġ li jiġu inkoraġġuti aktar. Huwa importanti li jkun allokati sehem adatt mill-Fondi Strutturali għall-R&Ż u l-investimenti relatati mal-innovazzjoni. Dan is-sehem jirrappreżenta attwalment, fuq medja, 25% tal-allokkazzjonijiet ippjanati tal-programmi nazzjonali u reġjonali tal-politika ta' koeżjoni għall-2007-2013. Għandu jkun rappurtat fir-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni u r-rapporti dwar l-istrateġija nazzjonali li huma mistennija fl-2009 u l-2012.
34. F'dan il-kuntest, **l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tar-R&Ż u l-attivitajiet ta' innovazzjoni** jeħtieġ li jkunu msaħħa fil-livelli adatti. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-evalwazzjoni tal-kwalità fir-riżultati u l-impatti tal-programmi R&Ż nazzjonali u Komunitarji sabiex tkun akkwistata l-informazzjoni, inklużi l-indikaturi, għall-iżgurar ta' investimenti aktar effiċjenti u effettivi fir-R&Ż u l-Innovazzjoni u l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività Ewropea. L-esplojtazzjoni tar-riżultati ta' evalwazzjoni fil-ġestjoni tar-riċerka u t-tfassil tal-politika għandhom ikunu rinfurzati wkoll. L-evalwazzjoni finali ex-post tal-FP6 kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar din il-kwistjoni għandhom jittieħdu fil-kont waqt it-tnejjija tal-metodoloġija u t-termini ta' referenza tal-evalwazzjoni interim tal-FP7.

V. Dimensjoni Esterna tal-Kompetittività

35. Id-dimensjoni esterna tal-kompetittività tibqa' ta' importanza kruċjali. Is-swieq miftuħa, kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll globalment, huma kruċjali għall-iżgurar tat-tkabbir u l-impjiegi⁸. Waqt li tevita n-nases tal-protezzjoniżmu u r-regolamentazzjoni żejda, l-Ewropa jeħtieġ li tieħu vantaġġ sħiħ mir-realtijiet il-ġodda tas-sistema ekonomika internazzjonali li qed tieħu forma, id-diversifikazzjoni tar-relazzjonijiet u l-iżvilupp ta' opportunitajiet ġodda għal sħubiji ta' benefiċċju reċiproku madwar il-globu. Il-kisba ta' riżultat ambizzjuż, bilanċjat u komprensiv fin-negozjati tar-Round ta' Doha mal-membri kollha tad-WTO għandha tkun prijorità. Ir-relazzjonijiet mal-ekonomiji tal-BRIC u atturi oħrajn importanti għandhom ikunu intensifikati. Il-politika tal-viċinat tal-UE toffri potenzjal ekonomiku importanti. L-opportunitajiet għat-tisħiħ tas-sħubija trans-Atlantika jeħtieġ li jkunu esplorati fl-ogħla livell politiku u l-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku għandu jkunu utilizzat b'mod sħiħ biex jinkiseb aktar progress sostanzjali fl-integrazzjoni trans-Atlantika. Il-potenzjal għal Ftehimiet dwar Kummerċ Liberu għandhom ikunu sfruttati b'mod enerġetiku. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2008 dwar id-dimensjoni esterna tal-Istrateġija ta' Lisbona, b'fokus prinċipali fuq l-aċċess għas-suq u l-prinċipji li jiggwidaw il-kooperazzjoni internazzjonali fl-oqsma tal-konverġenza regolatorja u l-istandardizzazzjoni. L-Unjoni Ewropea għandha tuża l-istrumenti tal-kummerċ kollha tagħha biex tiżgura li jkun hemm dejjem iżjed swieq miftuħin, li għandu jwassal għal benefiċċji reċiproki⁹.

⁸ PL: riżerva. Proposta ta' kompromess tal-Presidenza li żżid "Ir-rallentament ekonomiku attwali m'għandux ikun skuża għall-protezzjoniżmu".

⁹ PL: riżerva. Proposta ta' kompromess tal-Presidenza li żżid "L-Unjoni Ewropea għandha timmira għall-ekwità fis-suq tal-karbonju globali futur biex tevita ż-żieda ta' eteroġenjetà tal-politiki dwar il-klima madwar id-dinja billi f'Kopenhagen tiżgura ftehim ambizzjuż u komprensiv dwar it-tibdil fil-klima."

Fehmiet tal-Kunsill Ecofin u tal-Kunsill Kompetittività dwar ir-Rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għall-Programm Komunitarju ta' Lisbona (CLP) 2008-2010

Fl-2008 l-ekonomija tal-UE kienet esposta għal impatti negattivi tal-inkwiet finanzjarju globali u l-effetti tiegħu għall-ekonomija reali. B'risposta għat-tnaqqis eċċezzjonalment qawwi fir-ritmu ekonomiku l-Kunsill irreaġixxa minnufih u approva Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku b'numru ta' azzjonijiet konkreti li għandhom jittieħdu fil-livell Komunitarju.

Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jikkunsidra partikolarment il-finanzjament miżjud għall-SMEs mill-Bank Ewropew tal-Investment u t-tħaffif u t-titjib tal-proċeduri tal-Fond Soċjali Ewropew u tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni bħala miżuri prijoritarji għolja. Il-miżuri prijoritarji għandhom jinkludu l-investment fir-R&Ż, l-innovazzjoni, is-settur tal-enerġija, u proġetti tal-infrastruttura.

Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li fost affarijiet oħra sar progress sostanzjali permezz tal-adozzjoni tal-Pakkett dwar il-Klima u l-enerġija, il-Pakkett dwar il-Prodotti u l-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Small Business Act u l-Aġenda Soċjali mġedda. Minkejja dan, huma meħtieġa fost affarijiet oħra sforzi ulterjuri u implimentazzjoni adegwata u minnufih tal-inizjattivi fost affarijiet oħra biex jittejjeb il-funzjonament tas-Suq Intern u l-kompetittività tal-SMEs, jiġi żviluppat il-potenzjal tar-riċerka u l-iżvilupp, tissaħħaħ il-kompetizzjoni notevolment fis-settur tas-servizzi u l-industriji tan-netwerk, partikolarment fit-trasport, l-enerġija, u t-telekomunikazzjoni, u l-faċilitazzjoni ulterjuri tal-kondizzjonijiet għall-kummerċ internazzjonali miftuħ.

Bil-ħsieb ta' degradazzjoni ulterjuri mistennija tas-sitwazzjoni ekonomika fl-2009 l-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jenfasizza l-ħtieġa li l-oġġettivi tas-CLP jkomplu jiġu osservati strettament, li jipprovdi aġenda ta' riforma strateġika għall-parti Komunitarja tal-Istrateġija ta' Lisbona mġedda u biex ikun hemm fokus akbar fuq l-implimentazzjoni tagħhom.

Abbażi tar-rapport tal-Kummissjoni, il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) ivvaluta l-progress fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Lisbona u ssottolinja l-azzjonijiet li ġejjin fil-ħames oqsma prijoritarji.

Investiment fin-nies u modernizzar tas-swieq tax-xogħol

Il-Kunsill ser jimpenja ruħu fil-ħidma fuq l-**Aġenda Soċjali mġedda**, adottata f'Lulju 2008 mill-Kummissjoni, sabiex jissaħħu l-opportunitajiet ta' impjegi, jitejjeb l-aċċess għal servizzi ta' kwalità u tiġi żgurata s-solidarjetà. sforzi ulterjuri fuq bażi ta' prijorità biex jitnaqqsu l-ostakoli regolatorji eżistenti għas-swieq tax-xogħol u biex jiġi promoss l-iżvilupp tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja flimkien man-negozji u l-imsieħba soċjali sabiex ikun jista' jitnaqqas id-distakk bejn il-ħiliet rikjesti u dawk eżistenti. Il-proċeduri tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandhom jiġu mtejba u mħaffa, sabiex dan ikun jista' jintervjeni aktar malajr fl-oqsma kruċjali. Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jilqa' wkoll il-preżentazzjoni tal-inizjattiva "Ħiliet ġodda għal xogħol ġdid".

L-implimentazzjoni tal-**Patt Ewropew dwar l-Asil u l-Migrazzjoni**, adottat f'Ottubru 2008 bl-għan prinċipali li jiddefinixxi għanijiet komuni fil-politika Ewropea tal-immigrazzjoni kif ukoll li jidentifika mezzi komuni biex dawn jinkisbu, għandha tissokta. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati kemm il-migrazzjoni legali u illegali, l-effetti sekondarji fuq oqsma oħra, l-effetti ekonomiċi u fiskali, il-ħtiġijiet għal ħiliet u l-kompetenzi nazzjonali. Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jappoġġa l-adozzjoni tal-iskema tal-Karta blu biex jiġu attirati ħaddiema b'ħiliet ta' livell għoli sa Ġunju 2009.

Żvilupp tal-potenzjal tan-negozju, speċjalment tal-SMEs

Il-**Pjan ta' Azzjoni dwar is-Small Business Act** approvat mill-Kunsill f'Diċembru 2008 għandu jgħin lill-SMEs matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku billi jtejjeb l-aċċess għall-finanzi, inaqqas il-piż amministrattiv u jgħin lill-SMEs jibbenefikaw mis-suq intern u jżid il-kompetitività fis-swieq esterni. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jiġi implimentat kollu kemm hu u malajr kemm fil-livell Komunitarju kif ukoll dak nazzjonali, fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Il-Kummissjoni għandha tintroduċi dati komuni ta' bidu għar-regolamenti l-ġodda kollha; kemm jista' jkun malajr timplimenta "test dwar l-SMEs" fuq il-proposti kollha li jaffettwaw in-negozju, konformement mal-linji gwida tagħha dwar il-valutazzjoni tal-impatt.

Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) ifakkar fl-importanza tat-titjib ulterjuri tal-aċċess għall-finanzi (kreditu, garanziji, finanzjament mezzanine, eċċ) u tal-kapital ta' riskju għal kumpanniji ġodda innovattivi u għall-SMEs, b'kont meħud tal-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja attwali. Jeħtieġ li jittejjeb l-aċċess għas-swieq għall-SMEs, notevolment permezz ta' użu akbar tal-monitoraġġ tas-swieq u tas-setturi, sabiex jiġu identifikati u ttrattati l-ostakoli għas-suq intern. Il-ħtiġiet tal-kontabbiltà u l-proċeduri għall-istabbiliment tan-negozji għandhom jiġu simplifikati u aċċellerati b'mod sinifikanti.

Il-kontribuzzjoni tal-ewwel pakkett ta' proposti għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi eżistenti mill-leġislazzjoni tal-UE għall-mira maqbula ta' 25% sal-2012 huwa stmat li jammonta għal tfaddil ta' spejjeż ta' madwar EUR 30 biljun. Fil-livell tal-UE, il-11-il Azzjoni Fast track għat-**tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi** għan-negozji kienu ġew ippreżentati mill-Kummissjoni fl-2008. Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri speċifiċi ġodda ta' tnaqqis għal kull wieħed mit-13-il qasam prijoritarju prinċipali tal-Programm ta' Azzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ser jimplementaw dawn il-miżuri b'mod konġunt. Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) iqis bħala prijorità t-tkomplija ta' din il-ħidma sabiex jinkiseb dan it-tnaqqis ta' 25% fil-piż amministrattiv. Il-Kummissjoni hija mistiedna wkoll tikkompleta l-iscreening tal-leġislazzjoni eżistenti kollha kemm jista' jkun malajr.

Suq Intern li jiffunzjona tajjeb mingħajr ostakoli jsaħħaħ b'mod sinifikanti r-reżiljenza u l-kapaċità għal aġġustament tal-ekonomija tal-UE, u jagħmilha aktar attraenti għall-investiment. Fiż-żminijiet tat-tnaqqis attwali straordinarju fir-ritmu ekonomiku, il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jišhaq l-utilità tas-swieq miftuħa, tal-kompetizzjoni effettiva, u tal-applikazzjoni kontinwa tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-istat filwaqt li tiġi rispettata l-ħtieġa għar-rapidità u l-azzjoni flessibbli u l-konformità mal-qafas Ewropew. Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jinnota li sar progress sinifikanti fl-ikkompletar tas-Suq Intern notament fl-oqsma tal-prodotti (il-Pakkett dwar il-Prodotti adottat reċentement) u sa ċertu punt fis-superviżjoni finanzjarja transkonfini.

B'rigward għal dan tal-aħħar, il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jikkunsidra li huwa meħtieġ aktar progress fil-kooperazzjoni globali tas-superviżjoni finanzjarja u l-ġestjoni ta' kriżijiet, fit-titjib tal-flussi tal-kreditu għan-negozji, u fit-tisħiħ tal-qafas regolatorju tal-UE, fir-rigward tar-regoli dwar il-kontabbiltà (regolament IAS), ir-riskji minn derivattivi u credit default swaps, eċċ. Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jilqgħu l-isforzi mkabbra tal-Kummissjoni fil-qasam tal-monitoraġġ tas-suq. Huwa meħtieġ sforz ulterjuri għat-tisħiħ tal-infurzar tal-politika ta' kompetizzjoni, speċjalment fis-settur tas-servizzi u fl-industriji ta' netwerk, partikolarment it-trasport, l-enerġija, u t-telekomunikazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni preċiża u f'waqtha tad-Direttiva dwar is-Servizzi fil-leġislazzjoni tagħhom sal-iskadenza ta' Diċembru 2009, inkluż ta' Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern (IMI) li tiffunzjona sew.

Investiment fl-għarfien u l-innovazzjoni

It-triangolu tal-għarfien tar-riċerka, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni, għandha tissaħħaħ permezz tal-iżvilupp taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) sabiex il-"**ħames libertà**" ssir realtà. Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jappella għal żvilupp u koordinazzjoni ulterjuri tal-inizjattivi ta' sħubija taż-ŻER. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet nazzjonali ta' riċerka permezz tal-inizjattiva ta' Programmar Konġunt u bl-istabbiliment ta' infrastrutturi pan-Ewropej ta' riċerka, għall-implimentazzjoni tas-sħubija bejn l-Istati Membri u l-Komunità għall-kooperazzjoni intenazzjonali fix-xjenza u t-teknoloġija, u għall-implimentazzjoni Prattika tas-Sħubija dwar il-karrieri u l-mobbiltà tar-riċerkaturi. Dawn il-miżuri għandhom ikunu komplimentati bl-implimentazzjoni effettiva tal-Inizjattiva dwar Swieq Ewlenija u bl-iżvilupp ta' raggruppamenti.

Peress li huwa neċessarju li jittejjeb aktar l-involviment tas-settur privat u l-kondizzjonijiet qafas għall-**innovazzjoni** fl-Ewropa, għandhom jiġu intensifikati l-isforzi tal-UE biex tinħoloq Privattiva Komunitarja u Sistema ta' Litigazzjoni dwar il-Privattivi. Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) għandu jirreaġixxi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija wiesgħa tal-innovazzjoni sal-aħħar tal-2009 u jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta sa dak iż-żmien il-Pjan Ewropew għall-Innovazzjoni" tagħha.

Enerġija u Tibdil fil-Klima

L-adozzjoni tal-Pakkett **Klima u Enerġija** tippermetti lill-UE biex tieħu rwol ta' mexxej u jkollha rwol attiv fit-tfassil ta' ftehim ambizzjuż u komprensiv dwar azzjoni internazzjonali ulterjuri biex jiġu ttrattati l-impatti fit-tibdil tal-klima li għandu jintlaħaq f'Kopenhagen aktar tard din is-sena. Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) huwa mpenjat biex jikkontribwixxi għall-passi preparatorji meħtieġa li għandhom iwasslu għal riżultat tajjeb ta' tali ftehim. Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jissottlinja wkoll li suq intern tal-enerġija li jaħdem sew, ikun kompetittiv, u interkonness huwa fundamentali għall-iżgurar ta' provvista sostenibbli u sigura tal-enerġija. L-adozzjoni f'waqtha tal-pakkett dwar is-suq intern tal-enerġija tibqa' prijorità għolja. Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar **Politika Industrijali** Sostenibbli u Konsum u Produzzjoni sostenibbli. Barra minn hekk, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE, it-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-appoġġ għal teknoloġiji innovattivi għandhom jikkontribwixxu biex tissaħħaħ il-kompetittività tan-negozji Ewropej.

Aġenda esterna

Politiki li jappoġġaw il-**kummerċ ħieles** u l-ftuħ estern urew l-effetti pożittivi tiegħu fuq it-tkattir tat-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien ta' impjiegi, u t-titjib tal-għażla għall-konsumatur u tal-istandards tal-għejxien fid-dinja kollha. It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku attwali m'għandux ikun skuża għall-protezzjoniżmu. Il-ftuħ ihegġegħ lill-industrija Ewropea biex issaħħaħ l-innovazzjoni u l-produttività u b'hekk jippromwovi t-tkabbir.

Il-Kunsill (ECOFIN u COMPET) jappella għall-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati ta' Doha dwar il-kummerċ multilaterali kemm jista' jkun malajr filwaqt li jsiru negozjati bilaterali mas-sħab kummerċjali prinċipali. Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u tal-konverġenza regolatorja mas-sħab kummerċjali maġġuri u swieq dejjem aktar miftuħa, li għandhom iwasslu għal benefiċċji reċiproċi, tibqa' prijorità.